



0132/2016

12.12.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-appoġġ għas-settur taċ-ċereali Ewropew

**Mara Bizzotto (ENF), Matteo Salvini (ENF), Angelo Ciocca (ENF),
Mario Borghezio (ENF), Dominique Bilde (ENF), Mylène Troszczynski
(ENF), Mireille D'Ornano (ENF), Philippe Loiseau (ENF), Salvatore Cicu
(PPE), Raffaele Fitto (ECR), Dominique Martin (ENF), Edouard Ferrand
(ENF), Joëlle Mélin (ENF)**

Data ta' skadenza: 12.3.2017

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-appoġġ għas-settur taċ-ċereali Ewropew¹

1. Is-settur taċ-ċereali tal-Italja, ta' Franza u tal-Ewropa attwalment għaddej minn perjodu ta' kriżi profonda. Minħabba, prinċipalment, il-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi, il-prezz tan-negożju tal-qamħ jinsab f'livell perikoluż taħt l-ispiża tal-produzzjoni, u b'hekk qed jipperikola s-sopravivenza ta' mijiet ta' eluf ta' rziezet.
2. Fl-Italja, fl-2012, il-qamħ komuni kien qed jinbiegħ bil-prezz ta' EUR 240/tunnellata; illum, l-istess prodott qed jinbiegħ bil-prezz ta' EUR 160/tunnellata. Fi Franza, fl-2012, il-prezz ta' tunnellata qamħ kien EUR 210, filwaqt li l-prezz tal-lum huwa madwar EUR 140.
3. Il-produzzjoni taċ-ċereali hija l-bażi ta' oġġetti tal-ikel eċċellenti bħal ħobż, għaġin u prodotti moħmija, li huma komponent ewlieni tal-prodotti magħmulin fl-Ewropa u tal-esportazzjonijiet mill-Italja, minn Franza u minn Stati Membri oħra.
4. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għalhekk mistiedna:
 - a. iqisu t-tfassil ta' miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa Ewropej;
 - b. iħeġġu lill-Istati Membri jippromwovu kampanji ta' informazzjoni favur il-konsum ta' prodotti magħmulin fl-Ewropa mis-settur taċ-ċereali.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.